MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1247/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**Vs**

**Ramona Alouzi (ID 98787M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-19 ta' Lulju 2010, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tlett Ewro u tnejn u sittin centezmu (€503.62), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda tal-konvenut waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2010, fejn l-istess konvenuta ammettiet illi hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont hames mija u tlett Ewro u tnejn u sittin centezmu (€503.62) kif imsemmi fl-Avviz;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma hames mija u tlett Ewro u tnejn u sittin centezmu (€503.62) bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------